MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 326/2004

**Andrew Spiteri**

**Vs**

**Elmo Insurance Agency Limited bhala agenti ta' Royal & Sun Alliance**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Frar 2004 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm707 (seba` mija u seba` Lira Maltin) dovuti ghal danni kkagunati f'coach.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Il-coach tal-attur kellha short fl-airconditioning u a kawza ta' dan ix-short il-coach soffriet id-danni reklamati fl-ammont ta' seba` mija u seba` liri Maltin (Lm707).

Il-coach tal-attur kienet assikurata mas-socjeta` assikuratrici ghall-hruq.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. It-talba attrici ghandha tkun respinta stante li l-attur qed jippretendi kumpens ghal hsara minn “short” fl-“airconditioning units” tal-vettura assikurata mis-socjeta` konvenuta meta l-poliza ma tassikurax u teskludi kwalsiasi indennizz ghal hsara minn “electrical breakdowns”.
2. Ghalhekk ma hemmx indennizz jew danni x’jithallsu lill-attur. Fi kwalunkwe kaz u **bla pregudizzju** ghall-premess, l-attur ghandu jgib l-prova tad-danni skond il-ligi u jissoddisfa lit-Tribunal li huwa mmitiga t-telf li allegatament garrab.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi u bl-ispejjes kontra l-attur.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-crux tal-kawza jinsab imperjat fuq il-mod kif ghandhu jigi applikat kuntratt ta’ assikurazzjoni bejn is-socjeta` assiguratrici u l-assigurat taghha li jixtri assigurazzjoni ghal xi event potenzjali futur. Il-posizzjonijiet reciproci ta’ interpretazzjoni gew ampjament sottolineati b’mod l-aktar mod elucidanti fin-noti rispettivi ta’ sottomissjonijiet.

Il-punt in ezami gie similarment trattat dwar il-punti basici tal-polza esistenti bejn il-partijiet. Kuntratt ta’ assigurazzjoni huwa l-ligi bejn il-partijiet fejn una volta jigi ffirmata in buona fede, ghandhu jigi onorat in uberrima fede.

Illi di fatti, is-societa konvenuta qed tesigi l-applikazzjoni tal-kuntratt li wara kollox huwa aleatorju bejniethom – ad litteram. Hekk gie deciz fil-kawza fl-ismijiet “Carmen Camilleri vs Middlesea Ins plc” deciza fl-Appell Inferjuri fil-4 ta’ Mejju 2005 u Joseph Busuttil vs Middlesea Ins plc u deciza fil-20 ta’ Mejju 2005  fil-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Illi l-esperti ex parte rispettivi tal-partijiet jaqblu li l-hruq kien kagun ta’ short circuit. Dan il-hruq pero` ma ghandhux jiftiehem bhala hruq fis-sens ordinarju ta’ oggett li jaqbad u jigi distrutt. Dan it-tip kien ikun kopert bil-polza ta’ assikurazzjoni. Dana huma anki ammess mis-socjeta` konvenuta ai termini tal-ittra minnha mibghuta lill-attur datata 3 ta’ Novembru 2003. Ghall-attur, fl-aghar ipotezi, kien ikun ahjar ghalih li t-trakk inqered ghax biex ikun kopert u jithallas! Inoltre ma jistax ma jigix kummentat il-gest tal-istess socjeta` konvenuta li in vista tac-cirkostanzi tal-kaz u bhala klijent ta’ certu sustanza, offriet pagament ex gratia ta’ 50%. It-Tribunal ma jistax tinforza din l-offerta aktar u aktar billi kif indikat fl-istess ittra, ma tikkosititiwx xi assunzjoni kontrattwali u minghajr pregudizzju.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa` l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, jichad it-talbiet attrici u kif gia nghad in vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz, l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------